# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 22 ta' Ġunju 2023**

**Appell numru 317/2022**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Ian SPITERI**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell ta' Ian SPITERI (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru ta' 119985M) minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-20 ta' Ġunju 2022[1] fejn ġie mixli talli:

Nhar il-11 ta' Marzu 2022, għall-ħabta ta' 19.00hrs, ġewwa l-Hiberians Football Ground (Tony Bezzina Stadium), Kordin Paola:

i) Ta n-nar jew spara maskli, bombi, suffarelli jew xogħlijiet tan-nar ta' kull xorta li jkunu, jew tella' blalen bin-nar jew in ġenerali, għamel esplożjoni jew nar li seta' jkun ta' perikolu u dan mingħajr liċenzja mill-Pulizija;

ii) Ġab ruħu b'mod abbużiv;

iii) U aktar talli ġab ruħu b'mod li seta' jinkiser il-bwon ordni.

[1] Hawnhekk din il-Qorti tirrileva li kien hemm żball dattilografiku fid-data indikata mill-Maġistrat sedenti in kwantu jirriżulta mbagħad minn foljo 24 tal-atti proċesswali li l-garanzija personali li ddepożita l-appellant ai termini tal-Artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali sar in segwitu għal dik is-sentenza li ġie mogħtija fil-konfront tiegħu nhar l-20 ta' Ġunju 2022.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-artilkolu 24(1) tal-Kapitolu 33 u r-Regolament 6 u 7 tal-Liġi Sussidjarja 10.33, sabet lill-imputat appellant SPITERI ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni lliberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien sena mid-data tas-sentenza skont l-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u għar-rigward it-tieni u t-tielet imputazzjoni, ikkundannatu multa kumplessiva ta' tlett mitt Ewro (€300). Il-Qorti ordnat ukoll l-iskwalifika tal-imputat appellant milli jattendi 'sport grounds' għal żmien ta' disa' xhur mid-data tas-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant SPITERI appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex joġġħobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka s-sentenza fl-intier tagħha u tiddikjara lill-appellant mhux ħati skont il-Liġi għar-raġunijiet premessi fir-rikors ta' appell tiegħu u fin-nuqqas ta' dan, tapplika piena inqas kiefra u ħarxa u dan kif jidhrilha xieraq u opportun u dan wara li stqarr is-segwenti (in suċċint):

   i) L-ewwel aggravju: apprezzament żbaljat ta' provi prodotti: il-prova li fuqha ġie bbażat il-każ tal-prosekuzzjoni u li fuqha ssejsu l-akkużi kontra l-appellant kienu primarjament iż-żewġ affidavits tal-pulizija li t-tnejn taħt il-piż tal-ġurament spjegaw dak li skonthom raw dakinhar tal-11 ta' Marzu 2022 fil-ħin fejn allegatament ġew imwettqa ir-reati. Illi dawn l-istess affidvits għandhom diverġenzi kbar bejniethom u lanqas jaqblu fuq punti bażiċi. Fost oħrajn filwaqt li wieħed mill-uffiċjali ċjoe' PS 1405 qal li l-akkużat qabbad żewġ oġġetti li minnhom joħroġ gass, PS 1094 qal li l-akkużat qabbad oġġett wieħed biss li minnhom joħroġ il-gass. Lanqas fuq il-lewn tal-gass ma qablu ż-żewġ uffiċjali hekk kif PS 1405 qal li l-gass kien ta daħna safra filwaqt li PS 1094 jgħid biss li l-gass kien tad-daħna. Ulterjorment f'partijiet oħra tal-affidavits tagħhom, iż-żewġ uffiċjali jitkelmu wkoll fuq it-tielet persuna u allura wieħed lanqas jista' jifhem jekk ċertu allegati fatti indikati fl-affidavit tagħhom rawhomx huma personali jew le u għalhekk il-mod kif jitkelmu fl-affidavit tagħhom iqajmu diversi dubji dwar x'essenzjalment esperjenzaw u le, u wara kollox x'għandu jitqies li hija prova ammissibbli u le.

ii) Fuq nota differenti, fl-affidavit ta' PS 1405 jgħid li l-appellant tefa' l-gas lejn il-'fans'. Illi l-Hiberians Football Ground huwa ground ta' ċertu kobor u għalhekk qatt ma seta' jkun possibbli li l-gass jintefa' mill-appellant lill-partitarji tat-tim rivali hekk kif hemm distanza bejn is-sezzjonijiet. Min-naħa l-oħra jkun assurd li jintqal li l-appellant waddab il-gass lejn il-partitarji tat-tim l-ieħor. Fil-fatt kienet l-uffiċjal prosekutur stess li tefgħet dubju dwar dan il-fatt għaliex qalet li fl-affidavit kellu jitniżżel 'fence' u mhux 'fans'. Dan l-iżball ma jistax jitqies bħala żball ortografiku u għalhekk l-uffiċjali tal-pulizija li għamlu dawn l-affidavits mhux talli ma qablux bejnithom iżda talli għamlu dikjarazzjonijiet erronji u li għalhekk ma jistgħux jispjegaw x'ġara.

iii) Ukoll, l-appellant ma jistax ma jirrimarkax kif l-uffiċjali tal-pulizija li qalu li raw lill-appellant iwettaq l-allegat ksur, ma elevawx it-tali oġġett li nħaraq (l-iktar prova importanti) u għalhekk il-prosekuzzjoni naqset milli tipproduċi din l-evidenza importantissima bħala prova tagħha. Illi dan imur kontra l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dak l-oġġett li ġie ppreżentat kien oġġett li ma kienx maħruq u dan meta l-appellant ġie akkużat li effettivament ħaraq dan l-oġġett. Inoltre l-ebda prova ma nġiebet (u l-ebda referenza għal dan l-oġġett ma saret mill-uffiċjali fl-affidavit tagħhom) b'mod tali li tindika min eleva dan l-oġġett mhux maħruq, kif ġie elevat, minn fejn, minn fuq min u jekk hux mill-art jew post ieħor etc. Għalhekk apparti l-fatt li ma jista' qatt ikun il-każ li l-oġġett mhux maħruq iservi ta' prova li l-akkużat ħaraq l-oġġett, ma jeżisti ebda ness bejn l-oġġett mhux maħruq li ġie ppreżentat u l-appellant.

iv) Illi in oltre fir-rigward tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni, ma nġiebet ebda prova mill-prosekuzzjoni li turi li b'xi mod l-appellant kiser il-bon ordni jew ġab ruħu b'mod abbusiv.

v) Illi fir-rigward ta' dan l-oġġett mhux maħruq, il-prosekuzzjoni fl-ebda ħin qatt ma nfurmat lid-difiża li kellha dan l-oġġett fil-pussess tagħha hekk kif elevat u għalhekk ma kienx hemm 'full disclosure'. Illi d-difiża saret konsapevoli ta' dan l-oġġett fil-mument illi ġie preżentat seduta stante. Illi dan imur kontra l-artikolu 534AF(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk din il-prova għandha titqies inammissibbli.

vi) Illi addizzjonalment il-prosekuzzjoni ppreżentat ukoll filmat meħud minn bodycam li kienet fuq l-ispettur Sarah Zerafa u dan għandu jitqies inammissibbli stante l-fatt li l-filmat juri biss lill-appellant li jiġi mitkellem mill-Pulizija. Illi għalkemm dan il-filmat ma ġiex ikkunsidrat mill-ewwel Onorabbli Qorti minħabba li l-awdjo ma bediex jinstema', ma jistax ma jiġix innotat li l-filmat ġie xorta waħda eżebit u għalhekk jinsab fl-atti, minkejja l-oġġezzjoni tad-difiża. Dan ifissser li l-Ispettur ma mxietx skont l-Artikolu 355AUA(6), 355AUG u Skeda E ta-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta.

vii) It-tieni aggravju – in-nullita tas-sentenza appellata minħabba n-nuqqas ta' fatti skont id-dettami tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminall, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ukoll, id-data tas-sentenza mhix korretta – 20 ta' Ġunju 2021 minflok 20 ta' Ġunju 2022.

viii) It-tielet aggravju – l-anomalija legali u sussidjarjament, il-piena manifestament sproporzjonata: illi teżisti anomalija fil-liġi fejn ir-reat li minħabba l-użu ta' splussiv jew oġġett li jingħata n-nar tiġi kkawżata offiża fuq il-persuna iġorr piena anqas f'każ li l-istess splussiv jew inkella oġġett sempliċement jinxtgħel l-istess materjal esplossiv. Għalhekk minħabba din l-anomalija u minħabba li din l-anomalija ma tirriflettix dak li kellu f'moħħu l-leġislatur, l-ebda piena ma tista tiġi nflitta abbażi tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 33 (li jirreferi għalih l-artikolu 24 tal-istess kapitolu).

ix) L-iskwalifika milli jattendi 'grounds ta' sports' għal żmien disa' xhur meta tqis li huwa ngħata l-liberta kkundizzjonata dwar l-ewwel akkuża u ġie kkundannat biss fuq żewġ akkkużi oħra ta' natura kontravvenzjonali, hija ċertament eċċessiva.

## D. L-IRWOL TA' DIN IL-QORTI U L-PRINĊIPJI LEGALI LI SSEGWI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni. Ir-rwol tagħha huwa li tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta din tkun għamlet apprezzament korrett tal-provi li jkunu inġiebu quddiemha. Dwar l-irwol ta' din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[2] intqal hekk:

---

[2] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Għalhekk bħala regola[3] din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tagħmilx evalwazzjoni ġdida tal-provi u tiddeċiedi l-każ hi mill-ġdid b'mod li tissostitwixxi dak ix-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati qabilha. Il-Liġi timponi l-obbligu fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tagħmel l-analiżi tal-provi u tal-argumenti legali fil-kawża biex imbagħad tkun dik il-Qorti li tasal għall-konklużjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu inġiebu għall-ġudizzju tagħha. Imbagħad jekk xi parti tħossha aggravata minn dik is-sentenza, il-Liġi tipprovdi r-rimedju ta' reviżjoni ta' dik is-sentenza quddiem din il-Qorti. Għalhekk bħala regola, ir-rwol ta' din il-Qorti mhux dak li tissostitwixxi x-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati iżda li tirrevedi x-xogħol li jkun sar minn dik il-Qorti biex tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom. Din il-Qorti tagħmel dan billi tistħarreġ hi stess il-provi li jkunu inġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-argumenti li jkunu saru quddiemha. Tant hu hekk li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li din il-Qorti tista' taċċetta li jiġu prodotti provi ġodda fi stadju ta' appell.[4]

6. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, **anke jekk in bażi tal-istess provi din il-Qorti setgħet tasal għal konklużjonijiet differenti**, din il-Qorti xorta ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun

---

minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[3] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.
[4] U dan biss fil-parametri tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali.

għamlet xogħolha tajjeb, u waslet għal konklużjoni jew waħda mill-konklużjonijiet li hija setgħet legalment u raġonevolment tasal għalihom in bażi għall-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha u allura tkun waslet għal konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi tal-każ kienet korretta jew waħda mill-konklużjonijiet korretti li setgħet tasal għalihom, din il-Qorti ma tkunx tista tibdel dik il-konklużjoni sempliċiment għaliex ma tkunx taqbel magħha għax kienet konklużjoni differenti minn dik li din il-Qorti kienet tasal għaliha li kieku kienet qed tiddeċiedi hi l-każ.

7. Apparti minn hekk il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Biex il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tkun tista' tiġi mibdula fl-istadju tal-appell, din il-Qorti trid tkun konvinta li, in bażi għall-provi u l-argumenti legali li tresqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dik il-Qorti ma tkunx setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet in kwantu bħala riżultat ta' dawk il-provi il-konklużjoni li tkun waslet għaliha l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tkun dik jew waħda minn dawk li tkun waslet għalihom. Dan allura jfisser li biex din il-Qorti tkun tista' tirrevedi jew tibdel dik il-konklużjoni jkun irid jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati tkun b'xi mod żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha. Huwa frott ta' dan l-iżball li jkun sar mill-Qorti tal-Maġistrati li allura jagħti lok lil din il-Qorti tqis li ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet li jkunu ġew milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. F'dak il-każ allura ma jkunx jista' jingħad li l-Qorti tal-Maġistrati tkun setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha biex b'hekk, din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali u allura qorti ta' reviżjoni jkollha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[5]

---

[5] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

8. Din il-Qorti trid allura tara jekk u safejn dawn il-provi li jkunu prodotti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jkunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali. Allura trid tistħarreġ kemm dak il-provi jkunu legalment ammissibbli kif ukoll sostantivament rilevanti.

9. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

10. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li bħala regola għandha tinġieb il-prova l-iktar sħiħa u sodisfaċenti li l-każ ikun jagħti kif ukoll li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, jekk ix-xiehda tiegħu tiġi emnuta minn min ikun irid jiġġudika l-każ, allura din ix-xiehda titqies li tkun biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqslikieku l-fatt ikun ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Għalhekk huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss. Dan il-prinċipju ġie konfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati iddeċidew fil-passat.[6]

11. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-**best evidence rule**, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda,

[6] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

12. Illi allura l-aħjar prova u l-prova l-iżjed sħiħa bħala regola tmur lil hinn minn prova li tkun milquta mir-regola tal-esklużjoni tal-**hearsay evidence**. Fil-fatt din ir-regola tiġi applikata fil-kamp penali Malti b'manjiera partikolari. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw **il-hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

**598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

13. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:

'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

14. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement.

It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

15. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

16. Huwa għalhekk li qabel xejn allura l-provi fi proċedimenti kriminali trid tkun l-aħjar prova u l-prova l-iżjed sħiħa. Biss dan ma jfissirx li f'ċerti każijiet dawn il-provi ma jistgħux iwasslu għal xi

konflitt fil-provi prodotti.  Kif gie ritenut fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[7]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

17. L-għan li titressaq l-aħjar prova u dik l-aktar sħiha huwa li kemm jista' jkun fil-proċess kriminali toħroġ il-verita storika.  Iżda din hija l-ikbar sfida li jkollhom dawn il-Qrati minħabba li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal li tiġi skoperta dik il-verita'.  Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb tiegħu.  Minħabba f'hekk jeżisti r-reat ta' sperġur.  Il-Qrati ma għandhomx id-don li jaqraw l-imħuħ tan-nies.  Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom.  U l-Qrati huma marbuta li fid-deċiżjonijiet tagħhom jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom.

18. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija mnisla mis-sistema Ingliż fejn persuna akkużata tista' tiġi misjuba ħatja biss meta fil-każ tagħha tkun inġiebet l-aħjar prova u dik l-aktar sħiħa u li bis-saħħa tagħha l-ħtija ta' dik il-persuna tkun ġiet pruvata **<u>lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni</u>**.  Biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta.  Il-Liġi Maltija teħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ssib akkużat ħati din trid tkun ċerta - lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni - "sure" fis-sistema Legali Ingliż,[8] li l-każ ikun seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni. Dan huwa l-livell ta' konvinċiment meħetieġ mill-Liġi biex tinstab ħtija; livell ta' konvinċiment li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.  Għalhekk biex tkun tista' tinstab ħtija fl-akkużat il-grad ta' suffiċjenza probatorja trid twassal lil min irid jiġġudika l-fatti li jħossu ċert, "sure", mill-ħtija tal-akkużat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

19. Fil-każ Ingliż **Majid**,[9] Lord Moses stqarr hekk:

---

[7] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.
[8] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[9] ibid.

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

20. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[10] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

21. Il-livell ta' konvinċiment fil-livell ta' "sure" mhux ġdid għas-sistema Penali Malti fejn saħansitra l-Imħallef William Harding fis-sentenzi tiegħu kien jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tal-konvinċiment sal-grad **<u>tas-sikurezza</u>**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiż mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **<u>b'sikurezza</u>** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat ta' ħtija tal-imputat biex b'hekk ġja mill-1957 dik il-Qorti kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mal-grad ta' konvinċiment lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll anke illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

22. Livell ta' konvinċiment inqas minn dak tas-sikurezza huwa l-livell tal-bilanċ tal-probabbilitajiet. Dan huwa l-livell ta' konvinċiment li huwa meħtieġ li jintlaħaq mid-Difiża fil-każ li din tagħżel li tressaq prova jew argument favur l-akkużat. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, b'mod li minħabba f'hekk Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma jkollhiex dik is-sikurezza fil-ħtija tal-akkużat, allura f'dak il-każ, dik il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat u għandha tgħaddi sentenza li l-akkużat ma jkunx ħati. U huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża</u>** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista'

[10] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

jingħad li dak il-livell ta’ sikurezza, ossija konvinċiment lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista’ tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

23. Issa l-Liġi tafda primarjament f’idejn il-Qorti tal-Maġistrati l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi u l-ġudizzju dwar jekk l-imputat huwa ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu ġew miġjuba kontra tiegħu. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, in kwantu tkun il-Qorti ta’ ġurisdizzjoni dwar il-meritu tal-każ partikolari, tkun fl-aħjar qagħda li tqis u tevalwa l-provi kollha għaliex, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Dik il-Qorti hija fdata bl-irwol li tara u tisma’ lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li bħala regola din il-Qorti – in kwantu hija Qorti ta’ reviżjoni – ma jkollhiex l-opportunita li tagħmel.

24. U minn dan joħroġ kemm huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta’ analiżi, apprezzament tax-xiehda u l-eventwali deċiżjoni fil-meritu dwar il-ħtija tal-imputat f’idejn il-Qorti tal-Maġistrati. U huwa għalhekk ukoll li dan l-eżerċizzju li jsir minn dik il-Qorti fih responsabilita kbira; u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, b’mod li allura dak l-eżerċizzju ta’ analiżi u skrutinju ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq. Kif spjegat iżjed il-fuq jiġi disturbat meta din il-Qorti ta’ reviżjoni tara li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx waħda minn dawk li legalment u raġonevolment setgħet tasal għalihom.

25. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f’idejn dik il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti ta’ appell deċiża nhar it-30 ta’ Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

26. Biex tagħlaq fuq dan il-punt, din il-Qorti tirreferi għall-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiż nhar is-7 ta’ Marzu 2002 fejn dwar l-irwol aħħari ta’ din il-Qorti tal-Appell bħala qorti ta’ reviżjoni tas-sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati intqal li:

> F’dan l-ezercizzju pero’ din il-Qorti ser issegwi l-insenjament ta’ din il-Qorti diversament preseduta u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali minn appelli mill-Qorti Kriminali u cioe’ li il-funzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti mhux li terga taghmel gudizzju mill-gdid fuq il-kaz partikolarment ghal dak li jirrigwarda il valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-kaz, imma biss li tillimita ruha li tara jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti hix “unsafe and unsatisfactory” fuq il-bazi tar-rizultanzi fil-prim’istanza. Mhux bizzejjed li din il-Qorti jista’ jkollha opinjoni differenti mill-ewwel Qorti ghal dak li jirrizulta mill-provi, ghax, jekk l-ewwel Qorti setghet ukoll xorta wahda tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha fuq il provi li kienu quddiemha, mhux il-funzjoni ta’ din il-Qorti li tissostiwixxi tali decizjoni bid-decizjoni taghha.

## E. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

27. Illi nhar il-11 ta’ Marzu 2022, għall-ħabta tas-sebgħa ta’ filgħaxija, il-Pulizija li kienu għassa waqt logħba futbol fil-Hiberians Stadium f’Raħal Ġdid, setgħu jinnutaw li fost il-partitarji kien hemm persuna ta’ sess maskili li kienet qiegħda tqabbad ‘flares’ nonche’ suffarelli tat-tip li jipproduċu gassijiet bi fjamma kkulurita. Il-Pulizija – PS 1405 Dylan Gerada u PC 1094 Braydon Bonnici – avviċinaw lil din il-persuna u din tal-aħħar identifikat ruħha bħala Ian Spiteri nonche’ l-appellant.

28. Illi wkoll, il-Pulizija elevaw minn fuq il-persuna ta’ Ian SPITERI, suffarrell ieħor li ma kien qatt inxtegħel u dan ikkonsenjawh lill-Ispettur Kathleen Sarah Zerafa li wkoll kienet għassa fl-Istadium tal-Hiberians dakinhar tal-inċident. L-Ispettur infurmat lill-appellant bid-drittijiet tiegħu, liema drittijiet huwa rrifjuta u għalhekk irrilaxxja l-verżjoni ta’ fatti tiegħu mingħajr ma kien legalment assistit minn l-avukat tal-fiduċja tiegħu fil-mument tar-rilaxx tal-imsemmija dikjarazzjonijiet.

29. Illi sussegwentement, nhar l-20 ta’ Ġunju 2022, l-appellant tressaq il-Qorti mixli kif ingħad iktar ‘il fuq u nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu.

**It-tieni aggravju – in- nullita tas-sentenza appellata.**

30. Illi SPITERI jilmenta li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tippekka f'dawk li huma l-formalitajiet li jippreskrivi tassattivament l-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, in kwantu s-sentenza appellata hija nieqsa minn deskrizzjoni tal-fatti li tagħhom l-appellant ġie misjub ħati.

31. Huwa minnu li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet xotta fil-kliem; iżda b'daqshekk ma jfissirx li s-sentenza tiġi nulla. Dik il-Qorti kitbet li sabet ħtija fir-rigward tal-"imputazzjoni imressqa kontra l-imputat" u fil-parti kundannatorja eventwalment għamlet referenza għal kull imputazzjoni.

32. Deskrizzjoni dettaljata tal-imputazzjonijiet li bihom ikun ġie mixli l-imputat eventwalment misjub ħati hija biżżejjed biex titqies li tissodisfa l-vot tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali li jeħtieġ li s-sentenza appellata jkun fiha l-fatti li tagħhom l-imputat ikun instab ħati.[11]

33. Ai termini tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali il-'fatti' jirreferu essenzjalment għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Il-fatti ma jirreferux għall-motivazzjonijiet jew ir-raġunijiet li in bażi tagħhom dik il-Qorti ssib il-ħtija fl-imputat. Din hija posizzjoni differenti minn dik adottata fl-Artikolu 662(2) tal-Kodiċi Kriminali rigward il-ħtieġa li sentenzi ta' din il-Qorti jew tal-Qorti Kriminali jkunu jinkludu l-motivazzjonijiet ossija r-raġunijiet li fuqhom din il-Qorti tkun waslet għad-deċiżjoni tagħha.

34. **Għaldaqstant, it-tieni aggravju tal-appellant qiegħed jiġi miċħud.**

**Analiżi tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat qua appellant mertu tal-ewwel aggravju tal-appellant.**

35. L-ewwel imputazzjoni hija mibnija fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24(1) tal-Ordinanza dwar l-Esplożivi, Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra bis-segwenti mod:

[11] Ara l-appelli kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Abdilla** deċiża nhar is-27 ta' Lulju 2010, **Il-Pulizija vs. Mariella Caruana** deċiża nhar l-1 ta' Diċembru 2010, **Il-Pulizija vs. John Tanti** deċiża nhar l-24 ta' Jannar 2013, **Il-Pulizija vs. Carmelo Polidano** deċiża nhar il-11 ta' Diċembru 2013, **Il-Pulizija vs. Albert Caruana** deċiża nhar it-30 ta' Jannar 2017.

24(1) Ħadd ma jista', mingħajr liċenza tal-Pulizija, jagħti n-nar jew jispara maskli, bombi, sufarelli, jew xogħlijiet tan-nar ta' kull xorta li jkunu, inkella jtella' blallen bin-nar jew, in ġenerali, jagħmel esplożjoni jew nar li jista' jkun ta' perikolu, f'kull post li jkun.

36. Dan ir-reat jiġi integrat mal-mument li persuna tagħmel xi wieħed mill-atti preskritti f'dan ir-regolament mingħajr liċenzja tal-Pulizija sabiex dan isir. L-iskop ta' din il-Liġi hija li tittutela lil persuni mill-potenzjal ta' ħsara personali jew patrimonjali konsegwenti ħruq ta' nar jew logħob tan-nar mingħajr liċenza tal-Pulizija. Kwalsiasi attivita' minn dawk imsemmijin kif ingħad, li ssir **mingħajr il-liċenzja maħruġa mill-Pulizija** ai termini tal-Artikolu 24(2) tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta, hija intrinsikament u oġġettivament ipprojbita mil-Liġi.

37. Dan huwa reat bl-inġliż riferit bħala 'strict liability offence' in kwantu l-fatt stess li tkun saret attivita' li tirrikjedi liċenzja maħruġa mill-Pulizija mingħajr din il-liċenzja toħloq preżunzjoni ta' ħtija, fejn mhux meħtieġ li l-Prosekuzzjoni tipprova l-element formali tar-reat sabiex jiġi integrat ir-reat. Skont il-Professur Mamo,[12] 'strict liability offences' huma eċċezzjoni għar-regola 'actus non facit reus nisi mens sit rea'. Jgħid hekk imbagħad fuq dan il-kunċett : -

Strict liability offences do not require proof of fault and provide for a defence of an honest and reasonable mistake of fact. It is generally considered justified to impose strict liability to protect public health, safety and the environment. It may also be imposed for regulatory offences. The general principle is that strict liability may be imposed where a person is placed on notice to guard against the possibility of inadvertent contravention.

38. Il-Professor Mamo[13] jgħallem ukoll:

In determining whether an Act does create this more stringent prohibition, regard must be had to the object of the statute, the words used, the nature of the duty, the person upon whom it is imposed, the person by whom it would in ordinary cases be performed, and the person upon whom the penalty is imposed. **In general, where the words of a modern statute amount to an absolute prohibition of a certain act without any reference to the state of mind of the actor, 'mens rea' is not an essential ingredient of the offence; and in such a case any inquiry as**

---

[12] LL.B. I - First Year Criminal Law (Mamo Notes) Revamped by GħSL - Notes and Past Papers - Issue aċċess 7 ta' Frar 2023
[13] Aċċess 7 ta' Frar 2023

**to the intent which actuated the accused would be immaterial – except, perhaps, with a view to the mitigation of the punishment.**[14] (Blake-Odgers, op.cit. Vol I. 114). (page 73 ).

39. Ikun għalhekk ifisser illi fejn il-Leġislatur ried li jimponi regoli strinġenti sabiex jinfurza aħjar ċerti projibizzjonijiet, il-formula adoperata mil-Liġi tkun tali li ma tippermettix deroga minn tali regoli. U huwa mit-test tal-Liġi stess li jemerġi kif is-sanzjoni hemmhekk ikkontemplata u r-reita' għall-ksur tal-istess tiskatta mal-mument illi jiġi ppruvat fattwalment li jkun sar dak il-ksur. L-element psikiku jkun jikkonsisti fil-volonta li jitwettaq dak l-att minn naħa tal-awtur tar-reat.

40. Biss, il-kunċett ta' 'strict liability' a differenza ta' dak ta' 'absolute liability', jippermetti ċerti difiżi lill-imputat. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Salvu Briffa et** deċiż nhar il-31 ta' Jannar 2020, dwar il-kunċett tal-istrict liability offences ġie mistqarr is-segwenti:

> Illi fil-fatt l-Qorti hija tal-fehma illi dan il-principju ta' strict liability ghandu jimxi id f'id ma' dik tar-responsabbilta vikarja kif mahsuba fl-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:
>
> Meta xi reat taht jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun ghadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew g]aqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin ta' l-eghmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f'dik ilkariga, tkun hatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat
>
> Dan ifisser illi f'dawn il-kazijiet il-piz tal-prova issa ser iddur fuq il-persuna akkuzata b'dan ghalhekk illi jaqa' fuq spallitha sabiex tipprova, u dan sal-grad talprobabbli, illi hija ghamlet dak kollu mehtieg sabiex tevita li jigi kommess ir-reat, u li allura ezercitat id-diligenza kollha mehtiega sabiex jigi zgurat li ma jkun hemm l-ebda vjolazzjoni ta' dritt.
>
> Dan ifisser illi f'dawn il-vjolazzjonijiet tal-ligi ma hemmx il-htiega li jigi pprovat l-element intenzjonali, **ghaliex hekk kif isehh l-element materjali jkun hemm l-infrazzjoni tal-ligi**.[15] L-appellant madanakollu li taht is-sorveljanza tieghu kien qed isir ix-xoghol ta' tindif ta' zona pubblika, seta' jressaq il-provi illi huwa ezercita d-diligenza kollha mehtiega sabiex jara illi l-infrazzjoni tal-ligi ma ssehhx.

---

[14] Enfasi ta' din il-Qorti.
[15] Enfasi ta' din il-Qorti.

41. Skont il-Professur Mamo[16] il-każijiet ta' 'strict liability' jammettu wkoll difiża fuq 'reasonable mistake of fact'. Il-ġurisprudenza kostanti tqis li mhux kull 'żball' jew 'mistake of fact' huwa ammess bħala difiża biex wieħed jeżimi ruħu mir-responsabilita' kriminali. Dan l-iżball irid ikun wieħed **essenzjali** cioe' li jolqot wieħed mill-elementi essenzjali tar-reat u jrid ikun ukoll **inevitabbli** tant li anki jew huwa juża' d-diliġenza u l-prudenza kollha meħtieġa, xorta waħda kein jaqa' f'dan l-istess żball. Huwa biss jekk l-akkużat jirnexxilu jipprova dawn iż-żewġ elementi li tiġi newtralizzata r-responsabilita' kriminali. Din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza, fost oħrajn, **Il-Pulizija vs. Hadrian Busietta** deċiża nhar it-28 ta' April 2010 fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet:

> Din il-Qorti ma taqbilx. Apparti li zball ta' fatt, biex jinnewtralizza r-responsabbilta` penali, irid ikun zball 'essenzjali' (jigifieri zball dwar xi wiehed mill-elementi mehtiega ghall-ezistenza tar-reat – f'dan il-kaz ma hemmx kontestazzjoni dwar l-essenzjalita` ta' l-izball), fil-kaz tar-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1) in dizamina jrid ikun ukoll zball 'inevitabbli', cioe` li ma setax jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni normali. "Din il-Qorti ma taqbilx. Apparti li zball ta' fatt, biex jinnewtralizza r-responsabbilta` penali, irid ikun zball 'essenzjali' (jigifieri zball dwar xi wiehed mill-elementi mehtiega ghall-ezistenza tar-reat – f'dan il-kaz ma hemmx kontestazzjoni dwar l-essenzjalita` ta' l-izball), fil-kaz tar-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1) in dizamina jrid ikun ukoll zball 'inevitabbli', cioe` li ma setax jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni normali.

42. Hekk ukoll fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Rennie sive Nazzareno Agius** deċiż nhar il-11 ta' Lulju 2002:

> Illi umbaghad dik il-parti tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata fejn intqal li l-Libjan waqqa' lill-appellat fi zball, li ovvjament qed tirriferi ghal zball ta' fatt jew "mistake of fact", ukoll ma tidhirx accettabbli, ghaliex biex zball ta' fatt ikun skuzanti fil-kaz tad-dritt penali, hemm bzonn li mhux biss ikun zball ta' natura essenzjali, imma irid ikun "INEVITABBLI" (emfasi tal-Qorti). Jigifieri anki kieku l-appellat verament emmen li l-libjan kellu permess jew licenzja biex jahdem hawn Malta u mhux biss kellu passaport biex ikun Malta, dan it-twemmin zbaljat ma kienx wiehed inevitabbli. Ghaliex kif jghid l-istess Prof. Sir. Anthony Mamo (ibid. p. 98):-
>
> "The mistake must be 'inevitable', that is, such that it could not be avoided by the exercise of reasonable care.

[16] LL.B. I - First Year Criminal Law (Mamo Notes) Revamped by GħSL - Notes and Past Papers - Issuu aċċess 8 ta' Frar 2023

43. Fil-każ in eżami, il-prova ewlenija li fuqha huwa mibni l-każ tal-Prosekuzzjoni kontra l-appellant SPITERI hija rappreżentata minn żewġ affidavits li saru minn PS 1405 u PC 1094 li kienu l-uffiċjali tal-Pulizija preżenti fl-istadium dakinhar tal-11 ta' Marzu 2022 u li kienu xhieda okulari tal-akkadut. L-appellant jattakka dawn l-affidavits in kwantu skontu din il-prova mhix affidabbli meta tqis li bejn iż-żewġ affidavits jirriżultaw diskrepanzi u f'dak magħmul minn PS 1405 saħansitra hemm dikjarazzjonijiet erronji.

44. Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellant fuq il-fatt li dawn ma jirrappreżentawx stampa ċara tal-akkadut u tal-involviment tal-appellant SPITERI fl-inċident mertu tal-kawża. Jibda biex jingħad li t-tnejn li huma qablu bejniethom fuq il-fatt li huma raw b'għajnejhom stess lill-persuna tal-appellant iqabbad 'gas tad-daħna'. PS 1405 Dylan Gerada jirriżulta li kien iktar elaborat fix-xhieda tiegħu in kwantu kompla jirrapporta kif sakemm hu u l-kollega tiegħu PC 1094 avviċinaw lill-appellant riferit bħala dik 'il-persuna ta' sess maskili li dehret tqabbad il-gass tad-daħna', l-appellant ġie nnotat joħroġ lighter u bih iqabbad 'oġġett ieħor li minnu ħareġ gass ta' lewn isfar'.

45. Dawn id-dikjarazzjonijiet ċari tal-Pulizija ma jħallux dubju f'moħħ din il-Qorti li dawn l-uffiċjali kienu qegħdin jirreferu għall-appellant bħala dik il-persuna ta' sess maskili li dehret tqabbad oġġett li jagħmel daħna. Ta' spiss jiġri li meta iktar minn persuna waħda tixhed dwar l-istess fatt, persuna taf tagħti iktar dettall minn persuna oħra dwar l-istess fatt li jkun qed jiżvolġi quddiemhom. B'danakollu ma jfissirx li xhud wieħed jew ieħor ma jkunx veritier u konsistenti f'dak li qiegħed jixhed minħabba li xhud minnhom iforni iżjed dettalji minn ieħor. Ikun ifisser li dak ix-xhud ikun qiegħed jirrakkonta l-ġrajja kif ikkonstataha hu bis-sensi tiegħu u mill-perspettiva tiegħu. Naturalment jekk il-verżjonijiet ikunu tant konfliġġenti jew kontradittorji imbagħad min jiġġudika l-fatt ikun irid jagħrbel sewwasew lil min fost dawk ix-xiehda jemmen u safejn jemmnu.

46. F'dan il-każ, din il-Qorti tqis li x-xhieda ta' PS 1405 u ta' PC 1094 kienet konsistenti, affidabbli u ma tippreżenta l-ebda diskrepanza fis-sustanza. Iż-żewġ xhieda qablu bejnithom fuq it-tip ta' oġġett li huma raw f'idejn persuna ta' sess maskili u ċjoe' 'gass li jagħmel daħna'; it-tnejn li huma qablu bejnithom li lil dik il-persuna ta' sess maskili rawha 'tqabbad' gass tad-daħna; it-tnejn li huma qablu bejnithom fuq l-identita' tal-persuna li kienu raw tqabbad il-

gass tad-daħna hekk kif dik il-persuna identifikat ruħha bħala l-appellant Ian SPITERI.

47. Huwa veru li fix-xiehda ta’ PS1405 Gerada saret referenza għal twaddib tal-gassijiet lejn -‘fans’. Ġie argumentat li fil-fatt din il-kelma riedet tiġi ‘fence’. Hi x’inhi, din il-kelma ma tbiddel xejn fis-sustanza ta’ dak li xehdu dwaru PS 1405 u PC 1094 permezz tal-affidavits tagħhom. L-Artikolu 24(1) tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta’ Malta jikkriminalizza l-att ta’ min jagħti n-nar jew jispara maskli, bombi, sufarelli, jew xogħlijiet tan-nar ta’ kull xorta li jkunu, inkella jtella’ blallen bin-nar jew, in ġenerali, jagħmel esplożjoni jew nar li jista’ jkun ta’ perikolu, f’kull post li jkun mingħajr liċenza tal-Pulizija. It-twaddib ta’ dawn il-gassijiet lejn il-“fans” jew lejn il-“fence” setgħet, fil-każijiet kongruwi, tintegra reat jew reati oħra. Biss tħalli l-integrazzjoni tar-reat taħt l-artikolu 24(1) tal-Kap 33 impreġudikat.

48. F’dan il-każ ġie pruvat li l-appellant ma kellux liċenza maħruġa mill-Pulizija. Dan huwa indubitat kif jirriżulta mix-xhieda ta’ PC 311 Clint Bohm a foljo 15 tal-atti proċesswali. Minn naħa tiegħu l-appellant ma ressaq l-ebda prova li turi li kien liċenzjat iqabbad dak il-gass jew gassijiet kif għamel. Il-fatt li tqabbad gass tad-daħna f’nofs stand mimli partitarji għal darba darbtejn ċertament ma jistax jingħad li ma kienx ta’ perikolu għall-ħaddieħor.

49. Huwa minnu li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet rimarki għal iktar minn darba fis-sens li l-appellant ma kienx għamel kontro-eżami tal-uffiċjali tal-Pulizija li xehdu bl-affidavit. Verament li l-appellant kellu l-jedd u mhux l-obbligu li jikkontroeżaminahom. Iżda mill-banda l-oħra, f’każijiet ta’ “strict liability offences” fejn allura l-eżistenza tat-twettieq tal-fatt inkriminat magħmul volontarjament mill-awtur tar-reat joħloq preżunzjoni ta’ ħtija fil-konfront tal-imputat, ikun imbagħad jispetta lill-imputat biex, jekk ikun irid u jekk ikollu, jressaq provi biex ikun jista’ jirribatti dik il-preżunzjoni sal-grad tal-probabbli. Ma jirriżultax li sar hekk f’dan il-każ – l-anqas mill-argumenti mresqa mill-imputat stess.

50. Illi l-appellant jilmenta wkoll li l-każ tal-Prosekuzzjoni kien dgħajjef ukoll għaliex naqsu milli jesebixxi bħala prova dawk is-suffarelli li qalu li rawh jaħraq kontra l-Liġi. Minflok, ġie esebit minn l-Ispettur Kathleen Sarah Zerafa, suffarell li skont ma xehdet hi f’foljo 16 tal-atti proċesswali, għaddewlha PS 1405 u PC 1094 bħala li kienu elevaw minn fuq il-persuna tal-appellant.

51. Dan l-argument huwa inkonsegwenzjali f'dan il-każ. L-inkriminazzjoni mhix daqstant marbuta mal-oġġett maħruq daqskemm mal-ħruq tiegħu bil-mod kif jingħad mill-artikolu 24(1) tal-Kap 33. F'dan il-każ il-pern tas-sejbien ta' ħtija tal-appellant kien dovut għall-fatt li huwa ġie maqbud jixgħel u jaħraq il-gassijiet tad-duħħan u dan in bażi għax-xiehda ta' żewġt uffiċjali tal-pulizija. Huwa minnu li l-produzzjoni tal-gassijiet maħruqa setgħu jagħtu iżjed saħħa lil dik ix-xiehda. Iżda n-nuqqas tal-gassijiet maħruqa bħala prova tal-ħruq preċedenti ma tinnewtralizzax il-valur probatorju ta' dak li xehdu li raw lill-appellant jagħmel dawk iż-żewġt uffiċjali tal-Pulizija b'għajnejhom stess. In definittiva, in-nuqqas tal-produzzjoni tal-gassijiet maħruqa ma tibdel xejn mis-sustanza tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) dwar il-kolpevolezza tal-appellant.

52. Illi mbagħad mill-banda l-oħra, il-produzzjoni tal-oġġett mhux maħruq esebit a foljo 14 tal-atti proċesswali wkoll ma twassal imkien in kwantu l-artikolu 24(1) tal-Kap 33 ma jissanzjonax is-sempliċi pussess ta' dak it-tip t'oġġett iżda li tali oġġett jingħata n-nar lil dak l-oġġett jew issir splużjoni jew li jsir na li jista' jkun ta' perikolu mingħajr liċenza tal-Pulizija.

53. Anke jekk, għall-grazzja tal-argument il-Pulizija naqset milli tgħid lill-appellant li l-oġġett mhux maħruq li allegatament kien ġie elevat dakinhar tar-reat u preżentat seduta stante bħala flare u d-difiża ma kienetx infurmata dwar dan ma ġie mressaq il-Qorti - b'daqshekk ma jfissirx li kien hemm xi ksur tal-Liġi minħabba nuqqas ta' "disclosure". Il-produzzjoni ta' dak l-oġġett mhux maħruq kien superfluwu.

54. Illi però konsegwenza li titnissel mill-fatt li l-oġġetti maħruqa ma ġewx eżebiti twassal biex il-Qorti tal-Maġistrati – għalkemm setgħet b'mod sikur tistrieħ fuq ix-xhieda ta' PS 1405 u PC 1094 bħala prova diretta tal-inċident mertu tal-proċeduri in kwistjoni – mill-banda l-oħra ġiebet lil dik il-Qorti f'posizzjoni fejn ma setgħetx tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 40 tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta li tipprovdi li f'każ ta' sejbien ta' ħtija hija tkun trid timponi l-konfiska tassattiva tal-'corpus delicti'. Biss kif ingħad dan in-nuqqas bl-ebda mod ma jista' jwassal lil din il-Qorti li tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fir-rigward ta' din l-ewwel imputazzjoni fis-sens li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li dakinhar tal-11 ta' Marzu 2022, l-appellant, mingħajr liċenzja, qabbad u/jew ta nar lil oġġett li jieħu n-nar, f'dan il-każ gass bi fjamma kkulurita jew 'flare' u kien ta'

perikolu għall-ħaddieħor u dan bi ksur tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta’ Malta.

55. **Għalhekk l-aggravju relattiv qiegħed jiġi respint.**

**Analiżi tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat appellant mertu tal-ewwel aggravju tal-appellant.**

56. Din it-tieni imputazzjoni hija mibnija fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regolament numru 7 tal-L.S. 10.33 u taqra bil-mod segwenti:

> 7.Kull persuna, li filwaqt li tkun dieħla fi ground ta’ l-isports, filwaqt li tkun qiegħda hemmhekk jew tkun ħierġa minn hemm tuża kliem offensiv jew iġġib ruħha abbużivament tkun ħatja ta’ reat kontra dawn ir-Regolamenti.

57. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, b’dan ir-reat, il-Leġislatur bl-ebda mod ma ried li jeqred l-entużjażmu tas-supporters meta jkunu l-ground waqt logħoba football. Dak li l-Leġislatur irid jevita huwa li l-entużjażmu tas-supporters jiddeġenera fi kliem offensiv jew f’imġieba abbużiva. Dan ir-reat mhux wieħed kapriċċużi; anzi huwa wieħed bażat fuq il-buon sens in kwantu min jiffrekwenta l-grounds tal-football waqt xi partita jaf kemm huwa faċli li l-entużjażmu jista’ jaqa’ fil-baxx. Il-Leġislatur ma tax definizzjoni ta’ xi jkun il-kliem offensiv jew l-imġieba abbużiva milquta minn dan ir-reat biex b’hekk il-Leġislatur ħalla din il-mansjoni f’idejn il-Maġistrat biex jiddeċiedi jekk imġieba f’każ speċifiku kienetx abbużiva jew le.

58. Biex jiġi integrat dan ir-reat is-suġġett attiv tar-reat irid ikun jew uża kliem offensiv jew inkella ġab ruħu b’mod abbużiv fil-waqt li jkun dieħel jew ħiereġ minn ground tal-isports u/jew matul il-permanenza tiegħu hemmhekk.

59. F’dan il-każ il-fatti inkriminati huma li waqt li kien qiegħed fil-ground tal-Hibs, l-appellant qabbad gassijiet tad-duħħan u waddabhom lejn il-“fans” jew il-“fence”. Din l-imġieba li l-appellant qabbad il-gassijiet tad-duħħan mingħajr liċenza tal-Pulizija hija kemm reat taħt ir-regolament 24(1) tal-Kap 33 tal-Liġijiet ta’ Malta iżda hija wkoll forma ta’ mġieba abbużiva fir-regolament 7 tal-Liġi Sussidjarja 10.33. B’hekk jingħad b’mod sikur li l-imġieba tal-appellant kienet waħda proskritta wkoll taħt dak ir-regolament 7 in kwantu hija imġieba abbużiva.

60. **B'hekk għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonvelment issib ħtija fl-appellant għal din it-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu mill-banda l-oħra kellha tqis li għall-fini ta' piena dan ir-reat kellu jitqies assorbit fir-reat maġġuri imputat fl-ewwel imputazzjoni.**

61. **Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiċħad dik il-parti tal-ewwel aggravju konċernanti s-sejbien ta' ħtija għal din it-tieni imputazzjoni għalkemm sejra tieħu in konsiderazzjoni dan ir-raġunament għall-fini tat-tielet aggravju u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) imponiet piena komplessiva fir-rigward tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet.**

**Analiżi tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat appellant mertu tal-ewwel aggravju tal-appellant.**

62. Illi din it-tielet imputazzjoni hija mibnija fuq dak li jippreskrivi r-Regolament numru 6 tal-L.S. 10.33 Regolamenti biex Jinżamm l-Ordni Pubbliku fil-'Grounds' ta' l-Isports. Dan ir-regolament jaqra bil-mod segwenti:

> (1) Kull persuna li thedded lil xi persuna oħra b'ġebel jew xi oġġett ieħor jew titfa' xi ġebla jew oġġett ieħor fuq il-post fejn ikun qed isir il-logħob jew fuq xi parti oħra tal-ground ta' l-isports, jew li, filwaqt li tkun dieħla fi ground ta' l-isports, filwaqt li tkun qiegħda hemmhekk jew tkun ħierġa minn hemm ikollha fuqha xi arma jew xort'oħra ġġib ruħha b'mod li **jista' jinkiser il-bon ordni**[17] tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-Regolamenti.

63. Illi jirriżulta li l-appellant SPITERI ġie mixli talli kiser il-bon ordni meta ta n-nar lill-oġġett li jagħmel gass tad-daħna waqt partita futbol fil-waqt li fl-istadium kwindi kien hemm in-nies. Din il-Liġi ma tipprovdix definizzjoni ta' xi trid tfisser bil-kunċett ta' "bon ordni" għall-fini ta' din il-Liġi speċjali applikabbli għall-grounds tal-isports.

64. Din il-Qorti tqis li dan il-kunċett, għalkemm misjub f'kuntest ta' Liġi speċjali li tirregola l-imġieba fi grounds tal-isports, mill-banda l-oħra għandu jingħata tifsira analoga għal dik misjuba fil-Kodiċi Kriminali. Ir-regolament numru 6 tal-L.S. 10.33 jista' jitqies li huwa l-istess fl-ispirtu u s-sustanza għal dik l-offiża ta' natura kontravvenzjonali li jikkontempla l-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi

[17] Enfasi ta' din il-Qorti.

Kriminali - fejn dan jitkellem dwar ksur ta' bon ordni – bid-differenza li huwa marbut mal-kuntest partikolari ta' ground tal-isports. L-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jgħid:

> Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min –
> dd) b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

65. Differenza konsiderevoli li toħroġ minn dan ir-regolament 6 tal-L.S. 10.33 hija li l-Leġislatur qies ir-reat ta' "ksur tal-paċi" fil-grounds tal-isports bħala li huwa iżjed serju minn dak previst taħt il-Kodiċi Kriminali in kwantu f'din il-Liġi speċjali il-piena erogabbli għal min jinstab ħati tar-reat ta' ksur tal-paċi huwa punibbli b'multa u mhux b'ammenda kif ikun punit min jikkommetti l-ksur tal-bon-ordni taħt il-Kodiċi Kriminali.

66. Iżda t-tifsira ta' x'jikkostitwixxi ksur tal-bon-ordni jibqa' konsoni ma dak misjub fil-Kodiċi Kriminali. Fl-appell kriminali ismijiet **Il-Pulizija vs. Maria Concetta Green**[18] ġiet ritenut:

> 'L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjah 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni **meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.**[19] L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuh jew minaccjuz fih innifsu u minghajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal ghal, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal- Kodici Kriminali.'

67. Il-provi f'dan il-każ juru b'mod sikur li l-oġġett li bih l-appellant ħaraq in-nar ikkawża daħna konsistenti f'gass ta' lewn ikkulurit. Jirriżulta wkoll ippruvat sal-grad rikjest mil-Liġi kif dan il-ħruq sar fit-tribuna fost il-partitarji u mhux f'xi banda oħra fejn ma kienx hemm nies preżenti. Ma ttella' ebda xhud jixhed li dik l-imġieba nisslet imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna dwar l-inkolumnita ta' persuna jew proprjeta ta' persuna oħra b'riżultat ta' dak l-għemil jew bħala possibilità ta' reazzjoni għal dak l-għemil. B'daqshekk però ma jfissirx li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma

[18] Il-Pulizija vs. Brian Busuttil deċiża nhar il-25 ta' Ottubru 2018.
[19] Enfasi ta' din il-Qorti.

setgħetx tqis li dik l-imġieba partikolari bħala li minnha nnifisha kienet tali li nisslet imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna dwar l-inkolumnita ta' persuna jew proprjeta ta' persuna oħra b'riżultat ta' dak l-għemil jew bħala possibilità ta' reazzjoni għal dak l-għemil. Il-fatt fih innifsu ta' persuna li taħraq gass tad-duħħan f'post fejn ikun hemm in-nies timplika kemm l-użu ta' materjal li jaqbad li jkun ingħata n-nar kif ukoll materjal li minbarra li jtajjar in-nar joħloq duħħan. Dan il-fatt minnu nnifsu magħmul f'dak il-kuntest partikolari - u mingħajr ebda ħtieġa ta' prova ulterjuri - jipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jekk mhux il-ksur tal-bon-ordni attwali almenu l-potenzjalita tal-ksur tal-bon-ordni f'dak il-kuntest. Għalkemm l-appellant kien ukoll qalb sapporters oħra li wieħed jifhem kienu tal-istess fehma kalċistika tiegħu, mill-banda l-oħra dik l-imġieba tiegħu ma setgħetx ma tkunx fastidjuża għal persuni oħra jew li ma tagħtix lok għal xi minimu ta' sensazzjoni ta' tħassib f'moħħ il-persuni viċini minħabba l-perikolu assoċjat ma' ħruq ta' xogħlijiet tan-nar bħalma qabbad l-appellant. Il-potenzjal li frott l-użu ta' tali oġġetti setgħu iweġġgħu xi nies preżenti jew saħansitra jqabbdu n-nar li seta' jkun ta' perikolu għall-persuni hemmhekk preżenti, jew saħansitra li l-ħruq t'oġġett ta' dan it-tip setgħa anki jikkawża ħsara fil-ġisem ta' persuna kien wieħed reali u preżenti.

68. Ir-regolament numru 6 tal-L.S. 10.33 ma jissanzjonax biss il-ksur tal-bon-ordni fi grounds tal-isports iżda saħansitra dwar il-possibilita' jew potenzjalita' li jinkiser il-bon-ordni. B'hekk mhux neċessarjament meħtieġ li l-bon-ordni tkun tirriżulta miksura biex jitqies integrat dan ir-reat. Il-fatt li dan ir-regolament jippenalizza l-imġieba ta' persuna li xort'oħra ġġib ruħha b'mod li **jista' jinkiser il-bon ordni** turi li anke l-potenzjal tal-ksur tal-bon-ordni huwa proskritt taħt dawn ir-regolament.

69. **B'hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonvolment tasal għall-konklużjoni ta' ħtija għal din it-tielet imputazzjoni. Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tqis li qiegħda tiċħad dik il-parti tal-ewwel aggravju konċernanti s-sejbien ta' ħtija għal din it-tielet imputazzjoni.**

**Analiżi tat-tielet aggravju – piena u anomalija legali.**

70. F'dan it-tielet aggravju tiegħu l-appellant qiegħed jippretendi li din il-Qorti tħassar id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn din imponiet piena għall-ksur tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 33 skont dak li

hemm maħsub fl-Artikolu 29 tal-istess kapitolu. Dan l-argument tiegħu l-appellant jorbtu mal-anomalija legali naxxenti mill-piena li jippreskrivi l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta fil-varji subinċiżi tiegħu hekk kif il-piena preskritta taħt is-subinċiż numru (1) għal min bħall-appellant sempliċement jinqabad iħaddem in-nar hija iktar għolja minn dik li jikkontempla s-subinċiż 29(2)(ċ) tal-imsemmi kapitolu għal min bl-użu jew iż-żamma ta' oġġett tan-nar kif ipprojibti f'Taqsima 1 tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta, jikkawża splużjoni li bil-konsegwenza tagħha tiġi kkaġunata offiża fuq il-persuna mingħajr il-konsegwenzi maħsuba fl-Artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali.

71. Illi din id-diskrepanza effettivament teżisti fil-Liġi kif jilmenta l-appellant u qatt ma ġiet indirizzata mil-Leġislatur sabiex tassew il-konsegwenzi hemmhekk ikkontemplati jkunu wkoll riflessi fil-piena preskritta kif ingħad. Biss, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellant fejn dan jippretendi li din l-anomalija kif sejħilha hu, għandha tissarraf fi skont fil-piena jew addirittra f'revoka tal-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għal sejbien ta' ħtija f'din l-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

72. Dan qiegħed jingħad b'mod speċjali f'kuntest fejn il-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għal din l-ewwel imputazzjoni, hija fil-parametri li tippreskrivi l-Liġi għall-infrazzjoni kkontemplata fl-Artikolu 24(1) tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas ma jista' jingħad li hija manifestament sproporzjonata. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-piena preskritta fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 29(1) tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta, lanqas ma jista' jingħad li hija żbaljata fil-prinċipju in kwantu l-logħob tan-nar jippreżenta perikolu għall-inkolumita' tal-persuni u mgħandux ikun meqjus bħala reat ta' inqas serjeta' sempliċement għaliex ma jkun ġie kkawżat ebda dannu jew inċident. Semmai, għandha tkun il-piena li jippreskrivi s-subinċiż numru 2 tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta li tiġi riveduta sabiex aħjar tirrifletti, kif ingħad, il-konsegwenzi hemmhekk rikjamati.

73. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill- Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):

"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."

Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

74. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal- aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l- appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

75. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil- prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-**sentenza Ir- Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

76. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċizzju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

77. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, fir-rigward tal-piena imposta għall-sejbien ta' ħtija fl-ewwel, fit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, din il-Qorti diġa' esprimiet ruħha iktar 'il fuq. Fil-fehma ta' din il-Qorti għall-fini ta' piena, it-tieni imputazzjoni għandha tiġi assorbita għall-fini ta' piena fl-ewwel imputazzjoni. B'hekk il-piena inflitta fl-ewwel imputazzjoni għandha tibqa indisturbata. Iżda peress li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) imponiet piena ta' multa ta' tliet

mitt euro (€300) b'mod komplessiv, is-sentenza appellata għandha tiġi riformata f'dik il-parti fejn imponiet il-piena komplessiva ta' tliet minn euro (€300) b'mod li din il-piena tal-multa tiġi moderata sabiex tirrifletti wkoll din l-interpretazzjoni.

78. In kwantu għall-projbizzjoni imposta fuq l-appellant milli jattendi ground tal-isports, it-terminu impost ta' disa' xhur jaqa' fil-parametri tar-regolament numru 9(2) tal-L.S. 10.33. L-anqas ma huwa terminu ta projbizzjoni fil-massimu hekk kif il-massimu huwa ta' sena. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment timponi dak it-terminu ta' projbizzjoni u fid-dawl tal-gravita tal-azzjoni tal-appellant, it-terminu ta' din il-projbizzjoni ma għandux jiġi mnaqqas.

79. **Għaldaqstant dan it-tielet aggravju qiegħed jiġi respint.**

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi tilqa' l-appell biss f'dik il-parti li titratta l-piena inflitta u għalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tħassar dik is-sentenza fil-parti fejn imponiet il-multa komplessiva ta' tliet mitt euro (€300) fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija għat-tieni u t-tielet imputazzjoni u minflok:**

**(a) kwantu għas-sejbien ta' ħtija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni din il-Qorti qegħda tqis li għall-fini ta' piena din għandha tiġi meqjusa assorbita fil-piena erogata għall-ewwel imputazzjoni u**
**(b) kwantu għas-sejbien ta' ħtija fir-rigward tat-tielet imputazzjoni il-Qorti qegħda tikkundanna lill-appellant għall-ħlas ta' multa fl-ammont ta' mija u ħamsin euro (€150).**

**Altrimenti safejn mhux mibdul b'din is-sentenza, il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**